**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta'Gunju 2022**

**<u>Rikors nru : 218/2022 AGV</u>**

**AC**

**vs**

**NC**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' AC**

Tesponi bir-rispett:-

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat fl-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-Knisja ta' San Bartilmew Appostlu, Hal Tarxien, u dan kif jidher

mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AC1' bin-numru 1475/2017

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti u l-intimat ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimat resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena (Dok. AC 2);

4. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom ma jghixux flimkien ghal iktar minn sena u erba' (4) xhur, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond is-sentenza ta' separazzjoni gie iddikjarat illi l-kontendenti iddekadew mid-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin;

6. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant r-rikorrenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat;

(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Il-Qorti rat li l-konvenut ddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju .

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.
Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**